# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 53**

**Rikors numru 1026/14/1 LM**

**Carmel Parnis u martu Grace Parnis**

**v.**

**Frad Limited (C 37848) u Alfred Vella**

**<u>Preliminari:</u>**

1. Permezz ta' din il-kawża l-atturi talbu li jiġi dikjarat li l-konvenuti jew minnhom huma debituri tagħhom fl-ammont ta' €81,528.07 (Lm35,000), rappreżentanti bilanċ ta' somma mwiegħda sabiex tiġi rinunzjata qbiela, u biex jiġu kkundannati jħallsuhom tali ammont.

2. Permezz ta' sentenza mogħtija fis-<u>27 ta' Settembru 2017</u> il-

Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet attriċi fil-konfront biss tal-konvenut Alfred Vella u illiberat lis-soċjetà konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju.

3. Minn tali sentenza tressqu **żewġ appelli prinċipali**:

(a) fit-13 ta' Ottubru 2017 mill-konvenut Vella fejn talab lil din il-Qorti:

> *"…tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha in quanto l-Ewwel Qorti illiberat lis-soċjeta` konvenuta FRAD Limited mill-osservanza tal-ġudizzju, tilqa' l-appell tiegħu fil-konfront tal-atturi u tiċħad it-talbiet tagħhom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess atturi".*

(b) fis-16 ta' Ottubru 2017 mill-atturi Parnis fejn talbu lil din il-Qorti:

> *"…tirriforma s-sentenza in kwantu illiberat lis-soċjeta` konvenuta Frad Limited debitur tal-atturi fis-somma ta' …€81,528.07 u sussegwentement tikkundanna lis-soċjeta` Frad Limited tħallas din is-somma lill-atturi, u wkoll billi tirriforma s-sentenza in kwantu ordnat illi l-imgħaxijiet għandhom jiddekorru mid-data tas-sentenza u minflok tordna u tiddeċiedi illi l-imgħaxijiet għandhom jiddekorru u jitħallsu kif mitlub fir-rikors ġuramentat u dan mentri fl-istess waqt tikkonferma l-kumplament tas-sentenza fl-intier tagħha, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti appellati".*

4. Minbarra dan is-soċjetà konvenuta FRAD Limited interponiet **appell inċidentali** mid-digrieti tat-30 ta' April 2015 u tat-22 ta' Marzu 2016 fejn talbet li tali digrieti jitħassru:

> *"…u minflok tilqa' t-talbiet imressqa minnha rispettivament fit-2 ta' Frar 2015 u fis-26 ta' Frar 2016, billi tordna l-isfilz tax-xiehda, kemm permezz ta' affidavits kif ukoll viva voce, ta' Carmel Parnis, ta' ibnu*

*Matthew, ta' Alfred Vella u ta' Joseph Vella, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi".*

**(I) <u>L-appell inċidentali ta' Frad Limited mid-digrieti</u>**

**- <u>tat-30 ta' April 2015 u</u>**

**- <u>tat-22 ta' Marzu 2016:</u>**

5. L-atturi ħassewhom aggravati bil-fatt li s-soċjetà konvenuta Frad Limited ġiet illiberata mill-osservanza tal-ġudizzju, u permezz tal-appell tagħhom talbu li tiġi dikjarata bħala debitriċi tagħhom. Kien għalhekk li s-soċjetà konvenuta interponiet appell inċidentali miż-żewġ digrieti tat-30 ta' April 2015 u tat-22 ta' Marzu 2016. Din il-Qorti sejra tibda billi tikkonsidra dan l-appell inċidentali qabel iż-żewġ appelli l-oħra.

6. It-talbiet u d-digrieti relattivi għal dan l-appell inċidentali huma s-segwenti:

<u>02.02.2015 Rikors tal-konvenuti Frad Limited u Alfred Vella</u>, fejn b'applikazzjoni tal-prinċipju ġuridiku li "*jekk il-kontraenti jirrikorru għall-miktub, ma jkunux jistgħu jippruvaw permezz ta' testimoni dak li ma jirriżultax jew jirriżulta eskluż mill-kitba*" <u>talbu l-**isfilz** tal-affidavit tal-attur Carmel Parnis u ta' ibnu Matthew Parnis</u>, peress li huma intiżi biex jippruvaw dak li ma jirriżultax jew jirriżulta eskluż mill-iskritturi tal-20.10.2006 u 12.02.2010, u wkoll li ma jiġix permess lill-attur li

jipproduċi xhieda għall-istess skop.

**<u>30.04.2015 Digriet tal-Qorti</u>** li permezz tiegħu ċaħdet ir-rikors tal-konvenuti tat-02.02.2015.

26.02.2016 Għas-seduta l-atturi ħarrku lill-konvenut <u>Alfred Vella, kif ukoll Joseph Vella in rappreżentanza tas-soċjetà Frad Limited</u> bil-għan li jippruvaw dak dikjarat minnhom fir-rikors ġuramentat. Id-difensur tal-konvenuti <u>**oppona** għall-produzzjoni tagħhom</u> għaliex sostna li jammonta għall-vjolazzjoni tal-prinċipju legali "*contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur*".

**<u>22.03.2016 Digriet tal-Qorti</u>** fir-rigward tal-oppożizzjoni tad-difensur tal-konvenuti għall-produzzjoni tax-xhieda ta' Alfred Vella u Joseph Vella. <u>Għall-istess konsiderazzjonijiet magħmulha minnha fid-digriet tat-30 ta' April 2015, hija ċaħdet it-talba (oppożizzjoni) tal-konvenuti.</u>

7. Għall-intendiment aħjar tal-appell inċidentali din il-Qorti qiegħda tirripproduċi partijiet rilevanti mid-digriet tat-30 ta' April 2015.

> "**Ikkunsidrat:**
>
> Illi għalkemm il-prinċipju legali *contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur* ġie stabbilit antikament mid-Dritt Ruman u kien ilu jiġi segwit minn żmien twil ilu mill-Qrati tagħna, ma jfissirx li dan il-prinċipju legali huwa wieħed assolut fl-applikabbilità

tiegħu, tant hu hekk f'ċerti każijiet dan il-prinċipju jiġi soġġett għal eċċezzjonijiet fejn jiġi mwarrab għal raġunijiet speċifiċi peress li kull każ għandu jiġi eżaminat skont il-fattispeċje tiegħu.

Kif ġie kkonstatat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Ronald Azzopardi vs. Francis Bonello et**[1]:

> *"Hu minnu li l-prinċipju ġenerali hu li contra scriptum testimonium non feritur, però dan ma jfissirx li dan il-prinċipju mhuwiex soġġett għall-eċċezzjonijiet. Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Carmelo Morana vs Nutar Dr Joseph Spiteri et***[2] *tas-26 ta' Mejju, 1952, il-Qorti tal-Appell osservat:*
>
>> *"Dina r-regola, osservata b'mod assolut fi żmien antik, ġie ritenut li għandha tiġi mitigata*[3]*, billi kull każ għandu jiġi eżaminat skont il-fattispeċje tiegħu*[4]*. Ġie ritenut ukoll illi l-istess regola ma hijiex applikabbli f'dawk il-każi fejn l-att miktub jiġi mpunjat minħabba simulazzjoni (Vol. XXIX.ii.1203); kif lanqas ma hija applikabbli meta jkun jidher illi l-kontraenti għamlu kuntratt simulat biex jgħattu kuntratt ieħor li realment riedu jagħmlu, u meta l-Qorti tkun persważa li jkun sar żball fil-kuntratt (Vol. XXX.i.603);".*
>
> *Kompliet tgħid:-*
>
>> *"Illi r-regola 'contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur' mhix assoluta, u ssofri eċċezzjoni f'ċerti każi, kif ġie mfisser fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Marzu 1951 in re* ***Blackman vs. Apap Bologna****. Il-prinċipji li jirregolaw din il-materja skont il-ġurisprudenza l-aktar riċenti huma dawn li ġejjin:*
>>
>>> *"1. Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta' bejniethom, għandu jiġi preżunt li dak li riedu jiftehmu fuqu niżżluh f'dik l-iskrittura. Għalhekk ma għandux ikun leċitu li wieħed mill-kontraenti jdaħħal f'dak il-ftehim klawsoli oħra li mill-kitba ma jirriżultawx, jekk ma jkunux klawsoli sekondarji li jkunu qegħdin ifissru jew jiċċaraw il-klawsoli prinċipali (Appell 31 ta' Mejju 1943, in re* ***Farrugia vs. Piscopo***[5]*);*
>>>
>>> *2. Għalkemm huwa veru li provi orali jistgħu jiġu ammessi biex jiġu eluċidati punti oskuri ta' kitba, jew f'każi ta' mpunjazzjoni ta' dik il-kitba, iżda l-provi orali mhumiex ammissibbli biex ifissru dak li fih innifsu huwa diġà ċar (Appell 26 ta' Mejju 1941, in re* ***Attard vs. Mamo***[6]*);*
>>>
>>> *3. Ir-regola li kontra l-prova miktuba ma tistax tiġi ammessa prova testimonjali mhix applikabbli meta l-prova tiġi offerta biex tiġi mfissra aħjar l-intenzjoni tal-kontraenti li tkun espressa b'mod ambigwu jew oskur, jew meta jrid jigi ppruvat xi fatt inċidentali jew aċċessorju li jkun konċiljabbli mal-att (App. 17 ta' Jannar 1917, in re* ***Muscat vs. Fiteni***[7]*; Prim'Awla 27 ta' Jannar 1937 in re* ***Mifsud vs Mifsud***[8]*; u Appell 20 ta' Jannar 1930 in re* ***Rizzo vs Anastasi****);*

[1] Deċiża fit-3 ta' Frar, 2012.
[2] Vol. XXXVI.i.119.
[3] Vol. XXVII.i.870.
[4] Vol. XXIX.ii.1090.
[5] Vol. XXXI.i.627.
[6] Vol. XXXI.i.441.
[7] Vol. XXIII.i.780.
[8] Vol. XXIX.ii.1203.

> *4. Il-prinċipju 'contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur' jibqa' jseħħ sakemm il-Qorti ma tkunx persważa illi hemm żball fil-kuntratt, jew li tħalla barra xi patt għal xi raġuni speċjali: F'dawn il-każijiet il-prinċipji bażati fuq il-ġustizzja u l-ekwità għandhom ikunu supremi (Appell 15 ta' Diċembru 1947 in re* ***Mercieca vs. Pace****[9]);".*

> *"Hekk per eżempju rajna kif l-użura tmur kontra l-liġi, irrispettivament jekk il-ftehim li seħħ bejn il-kontendenti jikkwalifkax bħala transazzjoni; kif osservat il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-kawża* ***Farrugia vs. Direttur tas-Sigurtà Soċjali****, deċiża fid-19 ta' Ottubru 2005, "Il-konvenzjoni affetta b'użura hija, għal dak li jirrigwarda l-użura, nulla b'mod assolut, jiġifieri ineżistenti, billi illeċita għaliex projbita mil-liġi, u hija lleċita fil-konfront tal-mutwant.".*

Kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **John Patrick u Mary Carmen mizzewgin Hayman et vs. Fal-Con Limited**[10]:

> "*Dak li jirriżulta minn kuntratt pubbliku huwa prova tal-kontenut tiegħu, però, fil-ġurisprudenza hija permissibbli prova contra scriptum biex jiġi muri li hemm żball fil-kuntratt,* ***jew biex juri li dak li jinsab reġistrat fl-att ma jirrispekkjax eżatt dak li seħħ fil-verità.*** *[11] Ġià fil-kawża* ***Mercieca vs. Pace*** *deċiża minn din il-Qorti fil-15 ta' Diċembru 1947, kien intqal li: "Il-prinċipju 'contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur' jibqa' jseħħ sakemm il-Qorti ma tkunx persważa illi hemm żball fil-kuntratt, jew li tħalla barra xi patt għal xi raġuni speċjali: f'dawn il-każijiet il-prinċipji bażati fuq il-ġustizzja u l-ekwità għandhom ikunu supremi." (ara wkoll* ***Vassallo vs. Portelli*** *deċiża minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fis-27 ta' Frar 2008).".*

Is-sentenza **Rev. Kan. Don Emanuele Muscat vs. Lucy Portelli[12]** li ġiet ċitata mid-difensur legali tal-konvenuti waqt it-trattazzjoni, telenka għadd ta' "eċċezzjonijiet introdotti mill-ekwità" għall-prinċipju illi jekk il-kontraenti jirrikorru għall-miktub, ma jkunux jistgħu jippruvaw permezz ta' testimonji dak li ma jirriżultax jew jirriżulta eskluż mill-istess kitba.

Illi ladarba hu stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li l-eċċezzjonijiet għall-prinċipju li mhijiex permessa testimonjanza kontra l-kitba ġew "suġġeriti mill-ekwità" u li "f'dawn il-każijiet il-prinċipji bażati fuq il-ġustizzja u l-ekwità għandhom ikunu supremi", l-eċċezzjonijiet li ġew elenkati mill-Qrati tagħna matul is-snin żgur li ma jistgħux jitqiesu li huma eżawrjenti.

L-ekwità nnifisha tiddetta li "kull każ għandu jiġi eżaminat skont il-fattispeċje tiegħu"[13] u għaldaqstant ma jistgħux ikunu identifikati a priori minn qabel dawk il-każijiet speċifiċi fejn jista' jiġi permess li jitressqu provi kontra kitba fejn ġie eskluż xi patt għal xi raġuni speċjali jew fejn dak li jinsab reġistrat fl-att ma jkunx jirrispekkja eżatt dak li seħħ fil-

[9] Vol. XXXIII.i.603.
[10] Deċiża fit-30 ta' Lulju, 2010.
[11] Sottolinjar ta' din il-Qorti.
[12] Deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fil-5 ta' Mejju 1955.
[13] Vol.XXIX.ii.1090.

verità.

Sabiex il-Qorti tkun f'qagħda li tiddetermina jekk fi skrittura partikolari jkunx tħalla barra xi patt għal xi raġuni speċjali jew jekk dak li jinsab reġistrat f'att jirrispekkjax eżatt dak li seħħ fil-verità, trid ċertament l-ewwel tisma' u tieħu konjizzjoni tal-provi kollha biex imbagħad tiddeċiedi skont il-prinċipji bbażati fuq il-ġustizzja u l-ekwità jekk tagħtix widen għat-testimonji kontra l-kitba, inkella toqgħodx biss fuq dak li hemm miktub fl-att.

Għaldaqstant din il-Qorti tqis illi t-talba tal-konvenuti għall-isfilz tal-affidavit tal-attur u ta' Matthew Parnis b'applikazzjoni tal-prinċipju li jekk il-kontraenti jirrikorru għall-miktub, ma jkunux jistgħu jippruvaw permezz ta' testimonji dak li ma jirriżultax jew jirriżulta eskluż mill-istess kitba, mhux biss hija waħda intempestiva u prematura f'dan l-istadju fejn l-attur għadu kif beda jressaq il-provi tiegħu, imma tmur ukoll kontra l-prinċipji tal-ġustizzja u tal-ekwità .

**<u>Decide</u>**

**Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda tiċħad it-talbiet tal-konvenuti kontenuti fir-Rikors ippreżentat fit-2 ta' Frar, 2015.**

**Tordna li l-ispejjeż ta' din il-proċedura jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali dwar l-kawża fil-mertu bejn il-partijiet".**

## <u>Konsiderazzjonijiet dwar l-appell inċidentali</u>[14]:

8. Is-soċjetà konvenuta Frad Limited issostni li r-raġjonament tal-Ewwel Qorti li bih ċaħdet iż-żewġ talbiet tagħha (permezz tad-digriet tat-30 ta' April 2015 u tat-22 ta' Marzu 2016) huwa "*ġuridikament żbaljat*". B'referenza għal dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti irriteniet hekk (enfasi tas-soċjetà Frad Limited):

"Illi ladarba hu stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li l-eċċezzjonijiet għall-prinċipju li mhijiex permessa testimonjanza kontra l-kitba ġew "suġġeriti mill-ekwità" u li "f'dawn il-każijiet il-prinċipji bażati

[14] **Ma ġiet ippreżentata l-ebda risposta għall-appell inċidentali** minkejja li ġie debitament notifikat, flimkien mar-risposta għall-appell tal-atturi, lill-atturi (fis-27.10.2017) u lill-konvenut Alfred Vella (fil-31.10.2017).

> fuq il-ġustizzja u l-ekwità għandhom ikunu supremi", l-**eċċezzjonijiet li ġew elenkati mill-Qrati tagħna matul is-snin żgur li ma jistgħux jitqiesu li huma eżawrjenti**".

tilmenta li din hija "*affermazzjoni gratuwita li tiskozza mal-ġurisprudenza nostrali li hi kostanti in materja*".

9. Biex tagħti eżempju ta' kemm din l-affermazzjoni li *"l-eċċezzjonijiet li ġew elenkati mill-Qrati tagħna matul is-snin żgur li ma jistgħux jiqiesu li huma eżawrijenti*" tikkozza mal-ġurisprudenza nostrali, is-soċjetà Frad Limited tirreferi għas-sentenza mogħtija fis-6 ta' Ġunju 1955 (Kollez. Vol: **XXXIX.i.221**) minn din il-Qorti tal-Appell f'**Gatt v. Cuschieri noe** fejn ġew elenkati numru ta' eċċezzjonijiet għal din ir-regola, u tenfasizza li l-każ inkwistjoni mhux wieħed minnhom għaliex il-provi orali mertu tad-digrieti inkwistjoni huma intiżi esklussivament bħala prova ta' dak li l-attur isejjaħlu "*arranġament sigriet"* u mhux biex tiġi ċċarata xi klawsola jew jiġi korrett xi żball fl-iskritturi, jew biex jiġu ppruvati fatti inċidentali jew aċċessorji għalihom.

10. Din is-sentenza **Gatt v. Cuschieri noe** (1955), li tirreferi għaliha s-soċjetà konvenuta, tispjega kif f'**Morana v. Spiteri** (1952) (Kollez. Vol: **XXXVI.i.119**) u **Blackmann v. Apap Bologna** (1951) (Kollez. Vol: **XXXV.i.26**) kien ġie insenjat hekk:

> "Ir-regola "*contra testimonium scriptum non scriptum feritur*" ma hix assoluta, imma ssofri eċċezzjoni f'ċerti każi; u skont il-ġurisprudenza l-aktar riċenti (Appell 12 ta' Marzu 1951, in re "Blackmann vs Apap

Bologna", u 6 ta' Mejju 1952, in re "Morana vs Nutar Spiteri et") il-prinċipji li għandhom jiġu segwiti f'din il-materja huma dawn li ġejjin:--

1. Meta l-ftehim ikun ġie inkorporat fi skrittura, għandu jiġi preżunt li dak li riedu jifthemu il-partijiet ġie imniżżel f'dik l-iskrittura. Għalhekk ma jistax ikun leċitu li wieħed mill-kontraenti jinkludi f'dak il-ftehim klawsoli oħra li mill-kitba ma jirriżultawx, jekk ma jkunux klawsoli sekondarji li jkunu qegħdin ifissru jew jiċċaraw il-klawsoli prinċipali (Appell 31 ta' Mejju 1943 in re "Farrugia vs Piscopo", Kollez. Vol XXI, parte I, paġ 627);

2. Provi orali huma ammissibbli biex jiġu diluċidati xi punti oskuri tal-kitba, jew f'każi ta' xi impunjazzjoni ta' dik il-kitba; iżda m'humiex ammissibbli biex ifissru dak li fih innifsu hu diġa ċar (Appell 26 ta' Mejju 1941, in re "Attard vs Mamo", Kollez. Vol XXXI, parte I, paġ 441);

3. Provi orali kontra l-miktub huma ammissibbli meta jiġu offerti biex tiġi mfissra aħjar l-intenzjoni tal-kontraenti, u meta dik l-intenzjoni tkun ġiet espressa b'mod ambigwu jew oskur, u anke meta jrid jiġi pruvat xi fatt inċidentali jew aċċessorju li jkun konċiljabbli mal-att (App. 17 ta' Jannar 1917, in re "Muscat vs. Fiteni", Kollez. Vol. XXIII-I-870 u 20 ta' Jannar 1930 in re "Rizzo vs Anastasi");

4. Ir-regola ta' l-inammissibilita` tal-provi testimonjali kontra l-miktub tibqa' sakemm il-Qorti ma tkunx persważa illi hemm żball fil-kuntratt, jew li tħalla barra xi patt għal xi raġuni speċjali; billi f'każ simili l-prinċipji bażati fuq il-ġustizzja u l-ekwita` għandhom ikunu supremi (Appell 15 ta' Diċembru 1947 in re "Mercieca vs. Pace", Kollez. Vol XXXIII, parte I, paġ. 603)".

11. Effettivament l-<u>Ewwel Qorti stess</u> għamlet referenza għall-istess "elenku" ta' eċċezzjonijiet meta ċċitat mis-sentenza **Azzopardi v. Bonello** (2012), għaliex tali sentenza tirreferi għal dak insenjat fis-sentenza **Morana v. Spiteri** li da parti tagħha tirreferi għas-sentenza **Blackman v. Apap Bologna** u l-erba' punti elenkati fiha, fosthom ir-raba' (4) punt, li jinkludi sitwazzjonijiet fejn ikun "*<u>tħalla barra xi patt għal xi raġuni speċjali</u>".* L-Ewwel Qorti rreferiet ukoll (*inter alia*) għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti tal-Appell fil-kawża **Hayman et v. Fal-Con**

**Limited** (2010), fejn ġie ritenut li hija permissibbli prova kontra l-miktub "*biex juri li dak li jinsab reġistrat fl-atti ma jirrispekkjax eżatt dak li seħħ fil-verità*".

12. Kif irriteniet l-Ewwel Qorti, il-ġurisprudenza nostrana stess tgħallem li l-eċċezzjonijiet għar-regola li ma jistgħux jitressqu provi orali kontra l-miktub huma "*suġġeriti mill-ekwita*", u li "*f'dawn il-każijiet il-prinċipji bażati fuq il-ġustizzja u l-ekwità għandhom ikunu supremi.*" Għaldaqstant (kuntrarjament għal dak li ssostni s-soċjetà konvenuta) kienet korretta l-Ewwel Qorti meta qalet li l-eċċezzjonijiet elenkati mill-qrati tagħna tul is-snin żgur li ma jistgħux jitqiesu li huma eżawrijenti: dan għaliex l-ekwità nnifisha tiddetta li kull każ għandu jiġi eżaminat skont il-fattispeċje tiegħu.

13. Inċidentalment l-hekk imsejjaħ "*arranġament sigriet*" allegat mill-atturi jidher li jinkwadra fost l-eċċezzjonijiet diġà kkontemplati mill-qrati tagħna: fir-rikors ġuramentat tagħhom l-atturi bażikament allegaw li għalkemm id-diskors ma' Alfred Vella kien li l-attur kellu jitħallas Lm60,000 sabiex jirrinunzja għall-qbiela li kellu fuq porzjon raba' mill-qasam denominat bħala "l-*Għalqa tal-Kbir*", il-ftehim miktub ma jirrispekkjax il-veru ftehim għaliex tniżżel l-ammont ta' Lm25,000 u tħalla barra l-bilanċ ta' Lm35,000 għal raġuni partikolari sabiex ċertu John Spiteri li wkoll kien qiegħed jidher fuq il-ftehim miktub ħalli wkoll jitħallas talli jirrinunzja għall-qbiela li kellu fuq il-porzjoni l-ieħor tar-raba', ikun

mingħalih li kemm hu u l-attur qegħdin jieħdu Lm25,000 kull wieħed, u mhux li l-attur qiegħed jieħu Lm35,000 iktar minnu.

14. Ovvjament, kif irriteniet l-Ewwel Qorti, sabiex hija tkun f'pożizzjoni li tiddetermina jekk fi skrittura partikolari effettivament tħalliex barra xi patt għal raġuni speċjali, jew jekk dak li ġie miktub jirrispekkjax dak li seħħ fil-verità, trid l-ewwel nett teżamina l-provi skont il-prinċipji bbażati fuq il-ġustizzja u l-ekwità u mbagħad tara jekk għandhiex toqgħod biss fuq il-miktub jew jekk għandhiex tikkonsidra testimonjanza kontra l-kitba.

15. Fid-dawl ta' dan kollu l-appell inċidentali tas-soċjetà Frad Limited jirriżulta kompletament infondat u għalhekk qiegħed jiġi miċħud, u d-digrieti tat-30 ta' April 2015 u tat-22 ta' Marzu 2016 qegħdin jiġu kkonfermati fl-intier tagħhom; konsegwentement mhux il-każ tiġi sfilzata x-xhieda ta' Carmel Parnis, ta' ibnu Matthew Parnis, u ta' Joseph Vella u Alfred Vella.

## (II) <u>L-appell prinċipali mis-sentenza tas-27 ta' Settembru 2017:</u>

16. Għall-intendiment aħjar taż-żewġ appelli mis-sentenza tas-27 ta' Settembru 2017, din il-Qorti qiegħda tirripproduċi dawk il-partijiet l-iktar rilevanti minnha:

"Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-14 ta' Novembru, 2014 mill-atturi **Carmel u Grace konjuġi Parnis** (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), u maħluf minn Carmel Parnis, li jgħid kif ġej:

*"Illi l-attur Carmel Parnis kien jippossjedi b'titolu ta' qbiela porzjon raba' formanti parti mir-raba' denominata bħala l-Għalqa tal-Kbir fil-limiti ta' St. Andrew's.*

*Illi parti oħra minn din ir-raba' kienet fil-pussess ta' ċertu John Spiteri b'titolu ta' qbiela. Illi s-sid ta' din l-art kien il-Gvern ta' Malta u l-qbiela kienet titħallas fl-Uffiċċju Konġunt, liema art sussegwentement ġiet akkwistata minn FRAD Limited.*

*Illi għal ħabta tas-sena 2006 l-attur Carmel Parnis avviċina lil Alfred Vella u pproponilu sabiex jagħmel talba lill-Gvern ta' Malta sabiex jakkwista l-istess għalqa għall-finijiet ta' żvilupp, b'dan illi l-istess Carmel Parnis kien wera d-dispożizzjoni tiegħu sabiex jirrinunzja għall-qbiela fuq l-istess raba' versu l-korrispettiv ta' mija u disgħa u tletin elf, seba' mija u tnejn u sittin Euro u erbgħin ċenteżmu (€139,762.40), ekwivalenti għas-somma ta' sittin elf lira Maltin (Lm60,000);*

*Illi Alfred Vella qabel mal-proposta li saret lilu minn Carmel Parnis, inkluż mal-ħlas tas-somma ta' mija u disgħa u tletin elf, seba' mija u tnejn u sittin Euro u erbgħin ċenteżmu (€139,762.40), b'dan illi fuq struzzjonijiet ta' Alfred Vella l-istess Carmel Parnis kellu javviċina lil John Spiteri sabiex għan-nom ta' Alfred Vella joffrilu s-somma ulterjuri ta' ħamsa u għoxrin elf Lira Maltin (Lm25,000) sabiex l-istess John Spiteri jirrinunzja huwa wkoll għall-qbiela fuq l-istess art; Illi għalhekk kien ġie mifthiem bejn l-attur Carmel Parnis u Alfred Vella li lil John Spiteri ma kellux jingħad illi filwaqt illi huwa kien qiegħed jiġi offert is-somma ta' Lm25,000 Carmel Parnis kien ser jirċievi s-somma ta' Lm60,000;*

*Illi għal dawn ir-raġunijiet kienet saret skrittura li ġġib id-data tal-20 ta' Ottubru, 2006 (kopja ta' liema skrittura ġiet annessa u mmarkata bħala Dok. A*[15]*) li permezz tagħha l-attur Carmel Parnis u John Spiteri obbligaw ruħhom li jirrinunzjaw għall-qbiela u bħala korrispettiv kellhom jirċievu s-somma ta' Lm25,000 kull wieħed;*

*Illi l-iskrittura tal-20 ta' Ottubru, 2006 saret mas-soċjetà FRAD Limited, li tagħha Alfred Vella flimkien ma' ħuh Joseph Vella kienu diretturi;*

*Illi permezz ta' skrittura oħra tat-12 ta' Frar, 2010, kopja ta' liema ġiet annessa u immarkata bħala Dok. B*[16]*, l-attur Carmel Parnis u John Spiteri irrinunzjaw għall-qbiela li kienu jgawdu fuq ir-raba' denominata bħala l-Għalqa tal-Kbir u rċevew mingħand FRAD Limited is-somma ta' tmienja u ħamsin elf mitejn u erbgħa u tletin Euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€58,234.33) ekwivalenti għas-somma ta' ħamsa u għoxrin elf lira Maltin (Lm25,000) kull wieħed.*

[15] A fol. 6 u 7 tal-proċess u pjanta annessa mal-istess skrittura, a fol. 8. Fotokopji tal-aħħar irċevuti tal-ħlas tal-qbiela lill-Gvern ta' Malta kienu annessi wkoll mal-iskrittura, a fol. 9 u 10.
[16] A fol. 11 tal-proċess u kopja tal-pjanta annessa mal-iskrittura, a fol.12.

*Illi FRAD Limited naqset madankollu milli tħallas lill-attur Carmel Parnis il-bilanċ fis-somma ta' wieħed u tmenin elf ħames mija u tmienja u għoxrin Euro u sebgħa ċenteżmi (€81,528,07) minkejja diversi wegħdiet li dan il-ħlas kien ser jitwettaq, dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*Illi għalhekk is-soċjetà FRAD Limited hija debitriċi tal-atturi konjuġi Parnis fis-somma ta' wieħed u tmenin elf ħames mija u tmienja u għoxrin Euro u sebgħa ċenteżmi (€81,528,07), flimkien mal-imgħaxijiet dekoribbli mit-12 ta' Frar, 2010.*

*Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex din il-Qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimati jew min minnhom huma debituri tal-atturi fis-somma ta' wieħed u tmenin elf ħames mija u tmienja u għoxrin Euro u sebgħa ċenteżmi (€81,528,07);*

2. *Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu lill-konjuġi Parnis is-somma ta' wieħed u tmenin elf ħames mija u tmienja u għoxrin Euro u sebgħa ċenteżmi (€81,528,07).*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-mandat ta' inibizzjoni ppreżentat kontestwalment, u bl-imgħaxijiet mid-data tat-12 ta' Frar, 2010 sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-konvenuti li huma minn issa inġunti in subizzjoni".*

Rat ir-Risposta Maħlufa ta' **Frad Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta") li ġiet ppreżentata fit-12 ta' Diċembru, 2014 u maħlufa minn Alfred Vella għan-nom u in rappreżentanza tal-istess, li biha eċċepiet:

*"1. Illi l-pretensjoni tal-atturi konjuġi Parnis fil-konfront tas-soċjetà konvenuta hija ineżistenti, u konsegwentement it-talbiet tagħhom għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontrihom.*

*2. Bl-azzjoni odjerna l-atturi konjuġi Parnis qed jitolbu l-kundanna tas-soċjetà eċċipjenti għall-ħlas lilhom tal-allegat kreditu ta' €81,528,07, skont huma rappreżentanti bilanċ minn somma akbar bħala kumpens sabiex l-atturi jirrinunżjaw għad-dritt ta' qbiela li l-atturi kienu jgawdu fuq ir-raba li jissemma fir-Rikors Ġuramentat.*

*3. Tali pretensjoni hija għalkollox infondata kif hawn taħt illustrat.*

*4. L-attur Carmel Parnis u ċertu John Spiteri kellhom bi qbiela mingħand il-Gvern porzjoni raba kull wieħed magħrufa "Għalqa tal-Kbir" fil-limiti ta' St. Andrews.*

*Is-soċjetà konvenuta kienet f'negozjati mal-Gvern sabiex hija tixtri l-istess imsemmi raba, però riedet tassikura li jekk tali akkwist iseħħ, ir-raba ma jkun vinkolat bl-ebda titolu ta' qbiela favur terzi. Għalhekk, fl-20 ta' Ottubru, 2006, is-soċjetà konvenut waslet fi ftehim mal-attur Carmel Parnis u mal-imsemmi John Spiteri fis-sens li fl-eventwalità li hija takkwista l-imsemmi raba mingħand il-Gvern, Parnis u Spiteri jirrinunzjaw għad-dritt ta' qbiela li huma kienu jgawdu verso korrispettiv*

*ta' Lm25,000 lil kull wieħed minnhom, għal total ta' Lm50,000. Dan il-ftehim sar permezz ta' skrittura privata datata 20 ta' Ottubru, 2006, esebita bħala Dok. A mill-atturi.*

*Effettivament in segwitu s-soċjetà konvenuta akkwistat l-imsemmi raba mingħand il-Gvern u għalhekk permezz ta' skrittura privata datata 12 ta' Frar, 2010 (esebita bħala Dok. B mill-atturi) l-attur Carmel Parnis u John Spiteri irrinunzjaw a favur is-soċjetà konvenuta għad-dritt ta' qbiela li huma kienu jgawdu, u kull wieħed minnhom irċieva mingħandha s-somma ta' €58,234.33 (ekwivalenti għal Lm25,000) 'Bħala konsiderazzjoni per saldo għal tali rinunzja.'*

*5. Aktar minn erba' snin wara, permezz ta' ittra legali datata 9 ta' April, 2014 (Dok. FD1[17]), is-soċjetà konvenuta ġiet interpellata mill-konvenut Carmel Parnis sabiex tħallsu s-somma ta' €81,528,07 skont hu 'rappreżentanti bilanċ ta' somma ta' ……. (Lm60,000) li inthom obbligajtu ruħkom tħallsu lis-Sur Parnis għar-rinunzja ta' drittijiet ta' qbiela li huwa kien igawdi fuq il-porzjon raba magħrufha bħala l-Għalqa tal-Kbir fil-limiti ta' St. Andrews.'*

*Is-soċjetà konvenuta rrispondiet għal dik l-ittra interpellatorja tramite l-legali tagħha permezz ta' ittra datata 6 ta' Mejju, 2014 (Dok. FD 2[18]). B'tali ittra s-soċjetà konvenuta rrispondiet illi l-kumpens mifthiem bl-iskrittura privata tal-20 ta' Ottubru, 2006 kien tħallas kollu.*

*6. Minn dak premess isegwi li l-pretensjoni tal-atturi konjuġi Parnis (recte) fil-konfront tas-soċjetà konvenuta hija għal kollox infondata, u konsegwentement it-talbiet tagħhom għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontrihom.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri".*

Rat ir-Risposta Maħlufa ta' **Alfred Vella** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut") li ġiet ppreżentata fit-12 ta' Diċembru, 2014 u li biha eċċepixxa:

*"1. Illi huwa għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra tiegħu, għaliex fil-kuntest tal-meritu tal-kontestazzjoni odjerna hu ma għandu l-ebda rapport ġuridiku magħhom. Dan del resto jirriżulta ammess mill-istess atturi fir-Rikors promotorju tagħhom.*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt".*

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

---

[17] A fol. 21.
[18] A fol. 22.

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta' April, 2015 fejn ċaħdet ir-rikors tal-konvenuti li talbu l-isfilz tal-affidavits tal-attur Carmel Parnis u ta' ibnu Matthew Parnis abbażi tal-prinċipju *contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur*.

***…omissis…***

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta' Ġunju, 2015 fejn ċaħdet rikors ieħor tal-konvenuti għal permess speċjali biex jappellaw mid-digriet tat-30 ta' April, 2015 *ai termini* tal-Artikolu 229 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan minħabba li ma nġabu ebda raġunijiet validi biex jiġġustifikaw it-talba tagħhom għall-permess speċjali sabiex jitħallew jappellaw issa mid-digriet imsemmi minflok wara s-sentenza definittiva.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta' April, 2017 fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet, u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti tas-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Permezz ta' skrittura privata datata 20 ta' Ottubru, 2006 bejn is-soċjetà konvenuta min-naħa waħda u l-attur Carmel Parnis u John Spiteri min-naħa l-oħra, kien ġie miftiehem illi f'każ li s-soċjetà konvenuta takkwista mingħand il-Gvern għal skopijiet ta' żvilupp ir-raba magħruf bħala "l-Għalqa tal-Kbir" fil-limiti ta' St Andrews ta' ċirka sitt itmiem, l-attur Carmel Parnis u John Spiteri kellhom jirrinunzjaw għall-qbiela li kull wieħed minnhom kien igawdi fuq partijiet differenti ta' din l-art u dan għall-ħlas mis-soċjetà konvenuta tas-somma ta' LM25,000 lil kull wieħed minnhom.

Permezz ta' skrittura oħra bejn l-istess partijiet datata 12 ta' Frar, 2010, sar riferiment għall-iskrittura tal-20 ta' Ottubru, 2006 u effettivament l-attur Carmel Parnis u John Spiteri rrinunzjaw b'effett immedjat għall-qbiela u in konsiderazzjoni *per saldo* għal tali rinunzja, kull wieħed minnhom tħallas mis-soċjetà konvenuta s-somma ta' €58,234.33, ekwivalenti għal Lm25,000.

F'din il-kawża l-attur Carmel Parnis qiegħed jallega li l-veru ftehim (verbali) bejnu u bejn il-konvenut Alfred Vella kien li effettivament hu kellu jitħallas għar-rinunzja ta' sehmu mill-qbiela fuq parti mill-art inkwistjoni mhux is-somma ta' Lm25,000 li ġiet imsemmija fiż-żewġ skritturi, iżda s-somma ta' Lm60,000. L-attur kellu wkoll javviċina lil John Spiteri sabiex għan-nom ta' Alfred Vella joffrilu somma ta' Lm25,000 sabiex Spiteri jirrinunzja għall-qbiela li kellu fuq l-parti l-oħra tal-istess art. Skont l-attur hu u Alfred Vella kienu ftiehmu wkoll illi ma kellux jingħad lil John Spiteri illi filwaqt li dan kien qiegħed jiġi offrut is-somma ta' Lm25,000, l-attur kien ser jirċievi s-somma ta' Lm60,000.

Permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu mingħand il-konvenuti jew min minnhom, il-ħlas tal-bilanċ ta' Lm35,000 (ekwivalenti għal €81,528.07) allegatament dovut lilhom għar-rinunzja tal-qbiela. Fillwaqt li s-soċjetà konvenuta tinnega li bejn il-partijiet kien hemm xi ftehim verbali differenti mill-iskritturi fuq imsemmijin, il-konvenut Alfred Vella qiegħed jitlob li jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante li hu personalment ma kellu ebda rapport ġuridiku mal-attur peress li ż-żewġ skritturi privati kienu saru mas-soċjetà konvenuta.

**Provi u riżultanzi**

***…omissis…***

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Tqis illi dak li jħoll u jorbot f'dan il-każ hija l-kredibbiltà tax-xhieda.

***…omissis…***

Illi fil-kawża odjerna l-attur jgħid li huwa istitwixxa dawn il-proċeduri kemm kontra s-soċjetà konvenuta għax din kienet dehret fuq l-iskritturi privati kif ukoll kontra l-konvenut Alfred Vella għax kien hu li allegatament kien wiegħed lill-attur ħlas oltre dak li kien stipulat fl-iskritturi, bl-iskop li l-parti l-oħra filftehim, il-bidwi John Spiteri ma jmurx jitħajjar għall-istess somma li allegatament kienet ġiet imwegħda bil-fomm lill-attur. L-attur jgħid li meta kien ikkontratta mal-konvenut, dan ma kien semmielu ebda kumpannija, imma negozju li kien mħajjar jagħmel hu personalment. Il-konvenut fix-xhieda tiegħu jgħid biss li assuma li bħala bankier l-attur kellu jkun jaf li l-kuntatti li kien qed jagħmel miegħu kienu f'isem kumpannija. L-attur ma ressaq ebda prova jekk d-direttur l-ieħor tas-soċjetà konvenuta Joseph Vella kienx effettivament jaf bil-ftehim li sa dan l-istadju, allegatament kien intlaħaq bejn il-konvenut u l-attur dwar is-somma ta' Lm60,000 għar-rinunzja tal-qbiela tiegħu fuq l-art de quo. Allura f'dan l-allegat ftehim bejn l-attur u l-konvenut, is-soċjetà konvenuta ma kinitx involuta, ossija ma tressqet ebda prova da parti tal-attur dwar l-involviment tagħha u l-Qorti ma tistax tibbaża l-konklużjonijiet tagħha fuq sempliċi insinwazzjonijiet jew spekulazzjonijiet…

***…omissis…***

Għaldaqstant it-talbiet tal-attur ma jistgħux jiġu indirizzati kontra s-soċjetà konvenuta u li għandha għalhekk tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju a spejjeż tal-atturi. Però min-naħa l-oħra l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut li jiġi liberat mill-osservanza ma tistax tiġi milqugħa stante li l-atturi qegħdin jibbażaw l-pretensjoni tagħhom fuq l-allegat ftehim milħuq bejn l-attur u l-konvenut personalment.

Din il-Qorti wara li eżaminat bir-reqqa x-xhieda kollha u applikat għall-fattispeċje ta' din il-kawża l-prinċipji legali li jitnisslu mill-ġurisprudenza

fuq ikkwotata, sejra teżamina jekk mix-xhieda prodotta mill-partijiet tistax tasal għall-konvinċiment morali li tabilħaqq oltre s-somma msemmija fl-iskritturi, l-attur kienx ġie mwiegħed somma akbar għar-rinunzja tiegħu tal-qbiela, liema somma però kellha tinżamm mistura mill-bidwi John Spiteri. Dan tal-aħħar fix-xhieda tiegħu[19] deher li kien jimpurtah biss mis-somma li kien innegozja hu u ma kienx jimpurtah jekk l-attur kienx ser jitħallas aktar minnu, tant li jgħid *"... jekk l-ieħor ittih ma jiddispjaċinix, ittih kemm ittih għax dak hu ġabni hawn."*

Tqis illi rinfaċċjata b'verżjonijiet dijamettrikament opposti għal xulxin, f'dan il-każ lanqas ma jista' jinstab konfort fix-xhieda ta' terzi persuni. Iben l-attur, Matthew Parnis, effettivament jistrieħ ħafna fuq dak li kien qallu missieru, għalkemm ix-xhieda tiegħu safejn tikkorrabora li l-konvenut Alfred Vella kien offra lill-attur li jittrasferilu garaxx f'Ta' Paris, xi ħaġa li *del resto* jammettieha anki l-konvenut innifsu, tista' titqies bħala prova li mal-attur il-konvenut kien ftiehem fuq somma akbar minn dik li kienet dehret fuq l-iskritturi inkwistjoni bħala korrispettiv għar-rinunzja tal-qbiela.

Min-naħa l-oħra l-Avukat Dr Aldo Vella li kien irrediega l-iskritturi imsemmija, u kien abbozza l-ftehim fuq dak li kien qallu l-konvenut li kellu jkun il-ftehim, ma kienx parteċipi f'ebda stadju fit-taħdidiet inizjali li kienu seħħew bejn l-attur u l-konvenut. Anżi in kontroeżami Dr Vella jgħid li huwa qatt ma kien fil-preżenza tal-attur fl-assenza ta' John Spiteri, li skont l-attur ma kellux tiġi żvelata quddiemu s-somma vera li kienet ser titħallas lill-attur.

Allura kollox jiddependi fuq il-verżjonijiet mogħtija mill-attur u mill-konvenut. L-attur ittenta kawża pjuttost diffiċli peress li ma kellu ebda provi dokumentarji ta' xejn in sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu billi qagħad fuq il-kelma għax kien tabilħaqq jafda lill-konvenut. Filwaqt li l-attur qal li hu u l-konvenut kellhom relazzjonijiet kważi ta' bejn l-aħwa, dan ġie innegat mill-konvenut, li però sa ċertu punt ġie mgiddeb minn ħuh stess Joseph Vella, li xehed li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet tmur lura madwar erbgħin sena għax missierhom ukoll kien bankier bħall-attur u l-familji tagħhom kienu jiffrekwentaw lil xulxin.

Tqis illi l-attur kien konsistenti u kredibbli fix-xhieda tiegħu, mhux bħall-konvenut li kien pjuttost vag u xi kultant evażiv fit-tweġibiet tiegħu. Dak li stqarr il-konvenut li l-attur ma kienx semmielu somma fissa li dan kien qed jippretendi li jitħallas aktar, ġie kontradett mix-xhieda ta' ħuh stess Joseph Vella, li qal li l-konvenut kien effettivament semmielu somma akbar li kien qed jippretendi li jitħallas l-attur. Meta l-konvenut xehed in subizzjoni, fir-rigward tal-pretensjoni tal-attur biex dan jitħallas somma akbar, il-konvenut flok ma rrefera lill-attur għall-ħlas ta' Lm25,000 miftiehem fl-iskritturi, beda jgħidlu biex din is-somma ulterjuri titniżżel fil-ftehim, għad illi biex din titniżżel fil-ftehim, kien meħtieġ sintendi il-kunsens tal-konvenut jew tas-soċjetà konvenuta.

---

[19] A fol. 203.

Meta l-konvenut ammetta li kien offra lill-attur li jagħtih garaxx biex ma jkomplix idejqu jitolbu aktar flus u biex ma jtellgħux il-Qorti, tqis illi din assolutament mhijiex raġuni kredibbli u konvinċenti, għax jekk tassew il-konvenut ma kienx ftiehem mal-konvenut fuq somma akbar minn dik indikata fl-iskritturi, dan mhux talli ma kienx joffrilu garaxx b'xejn, imma x'aktarx kien jirrappurtah lill-Pulizija. Dan jgħodd aktar u aktar għall-konvenut li huwa persuna imdaħħal sew fin-negozju u ċertament huwa inqas suxxettibbli għal pressjonijiet bħal dawn, speċjalment meta jkunu bla ebda bażi. Dan il-fatt waħdu kkonvinċa lill-Qorti li l-konvenut Alfred Vella fil-fatt kien obbliga ruħu li jħallas lill-attur is-somma pretiża minnu fir-Rikors Maħluf. Tqis għalhekk li l-atturi irnexxielhom jippruvaw it-talbiet tagħhom sal-grad probatorju rikjest mil-liġi.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti, din il-Qorti qiegħda:**

**(1) Fl-ewwel lok tiċħad it-talbiet kollha tal-attur fil-konfront tas-soċjetà konvenuta FRAD Limited u tillibera lis-soċjetà konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju, b'dan li l-ispejjeż tas-soċjetà konvenuta għadhom jiġu sopportati mill-atturi Carmel u Grace Parnis;**

**(2) Tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Alfred Vella;**

**(3) Tiddikjara li l-konvenut Alfred Vella hu debitur fil-konfront tal-atturi fis-somma ta' wieħed u tmenin elf, ħames mija u tmienja u għoxrin Euro u seba' ċenteżmi (€81,528.07);**

**(4) Tikkundanna lill-konvenut Alfred Vella jħallas lill-atturi s-somma ta' wieħed u tmenin elf, ħames mija u tmienja u għoxrin Euro u seba' ċenteżmi (€81,528.07), bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza.**

**Bl-ispejjeż kollha kontra l-istess konvenut Alfred Vella, għajr għal dawk tas-soċjetà konvenuta FRAD Limited kif fuq imsemmi".**

## Rikors tal-Appell tal-konvenut Alfred Vella (13.10.2017):

17. Il-konvenut Alfred Vella ddikjara li l-appell tiegħu qiegħed isir fil-konfront tal-atturi.

18. L-aggravju tiegħu jirrigwarda l-fatt li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li huwa, fil-kapaċità tiegħu personali obbligat iħallas lill-atturi s-somma addizzjonali (Lm35,000/€81,528.07) pretiża minnhom. Jaċċenna għall-fatt li minkejja li l-atturi talbu kundanna għall-ħlas da parti tal-"*intimati jew min minnhom*", dan aktarx għamluh *per accidens* għaliex fir-rikors ġuramentat tagħhom l-atturi ppremettew li <u>kienet is-soċjetà Frad Limited</u> li naqset li tħallas il-bilanċ imwiegħed, u li <u>kienet is-soċjetà Frad Limited</u> li hija debitriċi tagħhom f'dak l-ammont.

**<u>Rikors tal-Appell tal-atturi (16.10.2017):</u>**

19. L-atturi jispjegaw li l-aggravji tagħhom huma s-segwenti:

(i) l-Ewwel Qorti kellha tilqa' t-talba tagħhom mhux biss fil-konfront tal-konvenut Alfred Vella iżda wkoll fil-konfront tas-soċjetà Frad Limited; u

(ii) l-Ewwel Qorti kellha tilqa' t-talba għall-ħlas tal-imgħaxijiet kif mitluba minnhom, ċjoè mit-12 ta' Frar 2010 u mhux mid-data tas-sentenza.

**<u>Risposta ta' Frad Limited għall-appell tal-atturi (25.10.2017):</u>**

20. Is-soċjetà Frad Limited wieġbet biex tgħid li s-sentenza hija ġusta

inkwantu illiberatha mill-osservanza tal-ġudizzju. Hija ssostni li l-uniku ftehim bejnha u bejn l-atturi huwa dak li jirriżulta mill-iskritturi Dok A u Dok B, liema ftehim ġie onorat u mwettaq; iżżid tgħid li *una volta* determinat li l-ewwel aggravju tal-atturi huwa infondat, it-tieni aggravju tagħhom dwar l-imgħaxijiet jitlef kull sinifikat u għalhekk ukoll għandu jiġi miċħud.

**<u>Risposta tal-atturi għall-appell ta' Alfred Vella (30.10.2017)</u>**

21. L-atturi wieġbu biex jgħidu għaliex l-appell ta' Alfred Vella għandu jiġi miċħud. Isostnu li għalkemm għall-finijiet u effetti tal-liġi Alfred Vella u Frad Limited huma persuni distinti, teżisti konnessjoni intima u għan wieħed bejniethom, li entrambi għandhom interess li ħadd minnhom ma jiġi kkundannat iħallas is-somma pretiża. Isostnu li t-talbiet deliberatament għamluhom mhux biss kontra s-soċjetà Frad Limited iżda wkoll kontra Alfred Vella, u dan mhux *per accidens*, kif isostni Alfred Vella.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar iż-żewġ appelli prinċipali mis-sentenza tas-27 ta' Settembru 2017:</u>**

22. L-Ewwel Qorti illiberat lis-soċjetà Frad Limited mill-osservanza tal-ġudizzju, u kkonkludiet li l-konvenut Alfred Vella kien personalment obbliga ruħu verbalment li jħallas lill-attur Carmel Parnis is-somma ta' Lm35,000 (ekwivalenti għal €81,528.07) oltre l-Lm25,000 li s-soċjetà

Frad Limited obbligat ruħha li tħallsu sabiex iċedi l-qbiela skont il-ftehim miktub mal-istess soċjetà Frad Limited. Konsegwentement ikkundannat lil Alfred Vella jħallas lill-atturi tali ammont ta' €81,528.07, bl-imgħax mid-data tas-sentenza.

(i) L- appell prinċipali tal-konvenut Alfred Vella:

23. Il-konvenut Alfred Vella jaqbel mal-Ewwel Qorti inkwantu illiberat lis-soċjetà konvenuta Frad Limited mill-osservanza tal-ġudizzju, għaliex jgħid li l-obbligazzjoni tas-soċjetà Frad Limited fil-konfront tal-atturi ġiet sodisfatta u llum hija estinta, iżda jsostni li anke hu għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex fil-kuntest tal-mertu tal-kontestazzjoni m'għandu l-ebda rapport ġuridiku mal-atturi, kif anke jirriżulta premess mill-atturi stess fir-rikors ġuramentat tagħhom.

24. Fost il-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti, jispikkaw partikolarment is-segwenti żewġ punti:

(1) il-fatt li l-attur kien jafda lill-konvenut Alfred Vella għaliex kif anke kkonferma ħuh il-konvenut Joseph Vella, ir-relazzjoni tagħhom kienet tmur lura sa madwar erbgħin sena peress li missierhom kien ukoll bankier bħall-attur u l-familji tagħhom kienu jiffrekwentaw lil xulxin;

<u>(2)</u> il-fatt li l-konvenut Alfred Vella, wara li l-attur kien tħallas mis-soċjetà konvenuta Frad Limited l-Lm25,000 għar-rinunzja tal-qbiela skont il-ftehim miktub, <u>kien offra garaxx lill-attur</u> fil-preżenza ta' ibnu Matthew Parnis, li skont l-istess Vella kien jiswa Lm8,500, għalkemm bin l-attur sar jaf li tali garaxxijiet kienu qegħdin jinbiegħu għal Lm6,500.

25. Il-fatt li l-konvenut Alfred Vella offra lill-attur tali garaxx jimmilita ferm favur it-teżi tal-atturi li apparti l-ftehim ma' Frad Limited kien hemm l-hekk imsejjaħ "*arranġament sigriet".* Tali offerta fil-fatt tammonta għall-<u>ammissjoni</u> da parti ta' Alfred Vella li l-attur kellu jieħu iktar mis-somma ta' Lm25,000 mertu tal-ftehim li kellu ma' Frad Limited, għallinqas sal-valur tal-garaxx. (Kif ikkummentat l-Ewwel Qorti, ma hija kredibbli xejn il-verżjoni ta' Alfred Vella li l-garaxx kien offrihulu biex ma joqgħodx idejqu jitolbu iktar flus, u biex ma jtellgħux il-qorti). Inoltre l-fatt li l-attur u l-konvenut Alfred Vella kellhom ħbiberija / relazzjoni li tmur tant snin lura jispega l-fatt li ma saret l-ebda kitba fir-rigward, ovvjament għaliex l-attur kien jafdah.

26. Issa għalkemm l-"ammissjoni" tirrigwarda l-valur tal-garaxx, l-aggravju tal-konvenut Alfred Vella hu fis-sens li m'għandu l-ebda rapport ġuridiku mal-atturi.

27. Għalhekk din il-Qorti jeħtiġilha tqis biss jekk kinitx korretta l-Ewwel

Qorti meta kkonkludiet li huwa Alfred Vella personalment id-debitur tal-atturi f'tali ammont. Din il-Qorti fil-fatt ittendi li taqbel mal-Ewwel Qorti.

28. Fix-xhieda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti l-konvenut Alfred Vella qal li l-garaxx li huwa offra lill-attur huwa proprjetà ta' soċjetà oħra bl-isem ta' "*Fithome*", proprjetà tal-aħwa. Dan il-fatt juri li ma kienx qiegħed joffrih lill-attur f'isem is-soċjetà konvenuta Frad Limited, fatt li jindika li l-*"arranġament sigriet*" biex l-attur jitħallas iktar mis-somma ta' Lm25,000 li tniżżlet fuq il-ftehim ma' Frad Limited ma sarx ma' Alfred Vella f'isem is-soċjetà Frad Limited iżda ma' Alfred Vella personalment. Lanqas ma jista' wieħed jargumenta li ladarba l-garaxx offrut lill-attur kien tas-soċjetà "*Fithome*" mela allura dan jirrifletti li l-ftehim kien ma' tali soċjetà u mhux ma' Alfred Vella personalment għaliex ma jidhirx li l-attur qatt ingħata indikazzjonijiet li kien qiegħed b'xi mod jinnegozja ma' din is-soċjetà "*Fithome".*

29. **Għaldaqstant l-uniku aggravju tal-konvenut Alfred Vella jirriżulta infondat.**

(ii) <u>L-appell prinċipali tal-atturi Parnis:</u>

(a) <u>L-ewwel aggravju:</u>

30. L-ewwel aggravju tal-atturi jirrigwarda l-fatt li l-Ewwel Qorti illiberat

lis-soċjetà Frad Limited mill-osservanza tal-ġudizzju u kkundannat lil Alfred Vella personalment għall-ħlas tas-somma pretiża minnhom. Huma jilmentaw li l-Ewwel Qorti kellha tilqa' t-talba tagħhom għall-ħlas ta' €81,528.07 *"mhux biss fil-konfront ta' Alfred Vella iżda wkoll fil-konfront ta' Frad Limited";* madankollu fl-aħħar paragrafu tal-appell tagħhom jitolbu lil din il-Qorti "*tiddikjara lis-soċjetà Frad Limited debitur ta' l-atturi fis-somma ta' …(.€81,528.07) u sussegwentement tikkundanna lis-soċjetà Frad Limited tħallas din is-somma lill-atturi…".*

31. Għalhekk mhux ċar jekk humiex qegħdin jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara lis-<u>soċjetà konvenuta Frad Limited biss</u> bħala debitriċi tagħhom jew humiex qegħdin jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara <u>lis-soċjetà konvenuta Frad Limited flimkien mal-konvenut Alfred Vella</u> bħala debituri tagħhom.

32. **Fi kwalunkwe każ dan l-aggravju tagħhom huwa infondat** għall-istess konsiderazzjonijet li wasslu lil din il-Qorti ssib li huwa infondat l-uniku aggravju tal-konvenut Alfred Vella, ċjoè minħabba li jirriżulta li l-wegħda magħmula lill-atturi biex jitħallsu somma oħra lil hinn mill-ammont ta' Lm25,000 indikat fil-ftehim ma' Frad Limited, saret minn Alfred Vella <u>personalment</u> u mhux minn Alfred Vella għan-nom ta' Frad Limited.

(b) <u>It-tieni aggravju:</u>

33. Fit-tieni aggravju tagħhom l-atturi jilmentaw bil-fatt li l-Ewwel Qorti

ordnat li l-imgħaxijiet fuq is-somma ta' €81,528.07 kellhom jiddekorru mid-data tas-sentenza. Jargumentaw li trattandosi ta' negozju kummerċjali l-imgħaxijiet jiddekorru mid-data tat-12 ta' Frar 2010 (ċjoè d-data tal-ftehim ma' Frad Limited li permezz tiegħu l-attur irrinunzja għall-qbiela għas-somma ta' Lm25,000) u mhux mid-data tas-sentenza.

34. Din il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16) li jipprovdi hekk:

> *"1141. (1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*
>
> *(2) F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni".*

kif ukoll għall-Artikolu 5 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 13) li jipprovdi li:

> *"5. Huma atti tal-kummerċ –*
>
> *(a) ix-xiri ta' ħwejjeġ mobbli sabiex jerġgħu jinbiegħu jew sabiex jingħataw b'kiri, sew in naturajew wara lijinħadmu jew jiġu manifatturati; il-bejgħ jew il-kiri ta'ħwejjeġ mobbli, in natura jew wara li jinħadmu jew jiġu manifatturati, meta x-xiri tagħhom ikun sar sabiex jerġgħu jinbiegħu jew sabiex jingħataw b'kiri;*
>
> *(b) kull operazzjoni bankarja;*
>
> *(c) kull operazzjoni dwar kambjali;*
>
> *(d) kull operazzjoni ta' xiri jew bejgħ ta' titoli ta' kreditu bi żmien għal kunsinna;*
>
> *(e) kull operazzjoni li għandha x'taqsam ma' soċjetajiet kummerċjali jew ma' l-azzjonijiet tagħhom;*

*(f) kull operazzjoni dwar bastimenti u navigazzjoni;*

*(g) kull intrapriża ta' provvisti, manifattura, bini, ġarr, sigurtà, depożiti, spettakoli pubbliċi u ta' reklam;*

*(h) ix-xiri u l-bejgħ mill-ġdid ta' immobbli, meta jsiru bi spekulazzjoni kummerċjali, u l-intrapriżi tal-bini;*

*(i) kull operazzjoni dipendenti jew li għandha x'taqsam ma' l-atti hawn fuq imsemmija".*

35. Issa għalkemm jirriżulta li l-"*arranġament sigriet*" kien sar personalment mal-konvenut Alfred Vella u mhux mas-soċjetà Frad Limited ma jfissirx li l-ammont mitlub mill-atturi permezz ta' dawn il-proċeduri ma jistax ikun obbligazzjoni ta' xorta kummerċjali.

36. Hekk kif fl-20 ta' Ottubru 2006 Alfred Vella (u wkoll ħuh Joseph Vella) f'isem Frad Limited obbligaw ruħhom li jħallsu lill-attur u lil John Spiteri Lm25,000 kull wieħed sabiex dawn iċedu l-qbiela li kellhom fuq l-art li riedet takkwista s-soċjetà Frad Limited (liema somom fil-fatt tħallsu mis-soċjetà Frad Limited wara li hija effettivament akkwistat l-art u Parnis u Spiteri ċedew il-qbiela fuqha, kif jirriżulta mill-iskrittura tat-12 ta' Frar 2010), <u>is-somma li Alfred Vella personalment obbliga ruħu li jħallas lill-attur oltre dawk l-Lm25,000 kienet relatata mal-istess art li riedet takkwista, u fil-fatt akkwistat is-soċjetà Frad Limited.</u> Għalhekk ladarba l-wegħda tal-ħlas li għamel Alfred Vella personalment kienet propju sabiex tivvantaġġja ruħha s-soċjetà kummerċjali Frad Limited isegwi li tali obbligazzjoni assunta minnu tikkwalifika bħala att ta' kummerċ taħt l-Artikolu 5(i) tal-Kodiċi Kummerċjali. Għaldaqstant l-imgħaxijiet fuq tali

somma għandhom jiddekorru mid-data meta l-obbligazzjoni tal-ħlas kellha tiġi esegwita, ċjoè d-data tat-12 ta' Frar 2010, meta l-attur effettivament ċeda l-qbiela.

37. **Għalhekk dan it-tieni aggravju tal-atturi jirriżulta fondat.**

**<u>Deċide</u>**

38. **Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda:**

**(i) Tiċħad l-appell inċidentali tas-soċjetà konvenuta Frad Limited u tikkonferma d-digrieti tal-Ewwel Qorti tat-30 ta' April 2015 u tat-22 ta' Marzu 2016, bl-ispejjeż tal-appell inċidentali kontra l-istess soċjetà konvenuta Frad Limited;**

**(ii) Tiċħad l-appell prinċipali tal-konvenut Alfred Vella bl-ispejjeż tal-istess appell kontrih;**

**(iii) Tilqa' limitatament l-appell prinċipali tal-atturi Parnis għal dak li jirrigwarda biss id-data tad-dekorriment tal-imgħaxijiet u konsegwentement qiegħda tħassar biss dik il-parti tas-sentenza appellata fejn jingħad li l-imgħaxijiet għandhom jiddekorru mid-data tas-sentenza, u minflok <u>qiegħda tordna li l-imgħaxijiet</u>**

**<u>għandhom jiddekorru mit-12 ta' Frar 2010</u>; l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu bin-nofs ($^1/_2$) bejn l-atturi u l-konvenut Alfred Vella.**

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm